It-tfal t'hawn taħt jgħixu fil-Kambodja. Grazzi għat-talb tiegħek u talli taqsam dak li tista' ma' MissioTfal, huma jitgħallmu u jibqgħu sikuri waqt li l-ġenituri tagħhom imorru jaħdmu. Wieġeb il-mistoqsijiet, agħti l-kulur lill-istampa u wara għid it-Talba ta' MissioTfal għat-tfal ta' kullimkien.

Dawn it-tfal jgħixu f'belt kbira fil-Kambodja.

**Mistoqsija tal-Ġeografija:** F'liema kontinent tinsab il-Kambodja?___________________

Il-ġenituri tagħhom marru l-belt biex isibu xogħol, iżda ma jaqilgħux biżżejjed biex jibagħtu lil uliedhom l-iskola. Allura t-tfal jitħallew waħedhom id-dar il-ġurnata kollha waqt li l-ġenituri tagħhom imorru jaħdmu. It-tfal lanqas jistgħu joħorġu barra biex jilagħbu.

**Mistoqsija dwar is-Sentimenti:** Kif taħseb li dan iġiegħel lit-tfal iħossuhom?

__________________________________________________________________________



Swor Eulie riedet tgħin u għalhekk talbet lil MissioTfal biex jgħinuha tibda ċ-Ċentru Lindalva. Hemmhekk it-tfal jieħdu ħsiebhom u jtuhom opportunità jattendu l-lezzjonijiet. Huma jingħataw ukoll ikla ta' nofsinhar, jistgħu jilagħbu ma' sħabhom, iħossuhom sikuri u huma kuntenti.

Fiċ-Ċentru Lindalva, Swor Eulie turi lit-tfal kemm huwa importanti li jħobbu lil xulxin, hekk kif ifakkarna l-qari tal-Bibbja t'hawn taħt.

**"Alla jħobbok. Allura dejjem agħmel dawn l-affarijiet:**
**Uri ħniena ma' ħaddieħor; kun ħanin/a, umli, ġentili u paċenzjuż/a.**
**Tkunux irrabjati ma' xulxin, imma aħfru lil xulxin.**
**Jekk xi ħadd jagħmillek il-ħażin, aħfirlu.**
**Aħfru lil xulxin għax il-Mulej ħafrilkom.**
**Agħmlu dawn l-affarijiet kollha; imma l-iktar importanti ħobbu lil xulxin.**
**L-imħabba hija dik li żżommkom ilkoll flimkien."** (3 Kolossin 12-14)

Mill-qari t'hawn fuq, agħżel il-virtujiet li trid tgħix bihom illum u iktibhom taħt l-istampa ta' Swor Eulie. Imbagħad għid din it-talba sempliċi biex titlob l-għajnuna ta' Alla:

**Alla maħbub, għinni naqsam l-imħabba tiegħek man-nies kollha li niltaqa' magħhom illum billi nkun** (aqra l-virtujiet li ktibt taħt l-istampa). **Ammen.**

**M**ulej, agħmel li t-tfal kollha
**I**sibu dejjem dinja
**S**abiħa u ġentili
**S**abiex ilkoll flimkien
**J**aqsmu u jgħixu fil-paċi kif
**O**għġbu jagħmilha Alla.
**N**itolbu li dan ikun
**I**ssa u għal dejjem. Ammen.

Jien. Int. Aħna. **Flimkien.**

VO/1178

MissioTfal hija l-fergħa tat-tfal ta' Missio Malta, l-għaqda karitattiva tal-Papa għall-Missjoni Dinjija
www.missio.org.mt/missiotfal